MINUTI

# Laqgħa Annwali tal-Lokalita' Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru LAL/01/2025

It-Tnejn 14 t'April 2025

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar laqqa' lill-pubbliku għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' fl-fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar Għawdex' nhar it-Tnejn 14 t'April 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia - Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil - Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

ATTENDENZA MILL-PUBBLIKU: 6

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

Din il-laqgħa ssejħet skont kif jistipula Artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Għal din il-laqgħa setgħu jieħdu sehem r-residenti li isimhom jidher fuq l-aħħar reġistru elettorali tal-Munxar, li dawn ġew innotifikati permezz ta' avviż li tqassam f'kull residenza.

### 1.1 Qari u approvazzjoni tal-minuti;

1.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-minuti tal-aħħar laqgħa pubblika bin-numru LAL/02/2024 u dawn ġew approvati minn dawk preżenti u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 1.2 Ir-Rapport Amministrattiv tas-sena 2024;

1.2.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, ippreżenta r-Rapport Amministrattiv tas-sena 2024 lill-membri u r-residenti preżenti. Dan ir-rapport se jkun qed jiġi approvat fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali li jmiss imbagħad ikun ukoll aċċessibli fuq il-*website* tal-Gvern Lokali.

### 1.3 Ir-Rapporti Finanzjarji tas-sena 2024;

1.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, ippreżenta r-Rapporti Finanzjarji tas-sena 2024 għall-attenzjoni tal-pubbliku preżenti fejn elenka fil-qasir id-dħul u l-ħruġ tal-Kunsill għas-sena 2024. Huwa għarraf lil dawk preżenti li dawn l-istqarrijiet finanzjarji kienu approvati f'laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar aktar kmieni din is-sena u mibgħuta lill-awdituri għall-verifiki tagħhom.

### 1.4 Pjan ta' Ħidma għas-sena 2025;

1.4.1 Is-Sindku għarraf lil dawk preżenti li matul is-sena 2024, il-Kunsill kien impenjat fuq diversi proġetti fosthom l-installazzjoni ta' diversi fanali dekorattivi fix-Xlendi, tisħiħ fid-distribuzzjoni tal-elettriku fix-Xlendi b'kollaborazzjoni ma' Enemalta PLC, l-installazzjoni ta' arloġġ fuq stil

vittorjan fix-Xlendi, l-installazzjoni ta' sistemi ta' *CCTV cameras* fil-Munxar u x-Xlendi, manutenzjoni fuq l-islipway tax-Xlendi u l-bidu tar-riġenerazzjoni tad-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka.

1.4.2 Huwa żied ukoll li matul is-sena li għaddiet ma naqqsux l-attivitajiet soċjali u kulturali fosthom ħarġiet ġewwa Malta u anke f'Għawdex stess, it-tielet edizzjoni tal-'Fireworks and Gastronomy Festival', il-programm t'attivitajiet fix-Xlendi fis-sajf liema programm kien jinkludi is-sitt edizzjoni tax-'Xlendi Sunset Festival' kif ukoll il-'Gozo Ceramics Festival', programm t'attivitajiet fi żmien il-Milied, il-Karnival fil-Munxar u t-tberik tal-annimali fost l-oħrajn.

1.4.3 Is-Sindku imbagħad elenka lista ta' proġetti li ser ikunu qed jiġu mplimentati fiż-żmien qarib, fosthom it-tlestija tar-riġenerazzjoni tad-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka, l-installazzjoni ta' aktar fanali dekorattivi fix-Xlendi, wiċċ ġdid bit-tarmak ta' Triq San Xmun u Triq il-Kantra fix-Xlendi, bust li jfakkar lill-Professur Ġużè' Aquilina u kontinwazzjoni tar-*railing* fi Triq San Xmun fix-Xlendi.

## 1.5 Suġġerimenti mill-Pubbliku;

1.5.1 Ir-residenti preżenti, filwaqt li faħħru lill-Kunsill tax-xogħol li qed jagħmel, ressqu xi suġġerimenti tagħhom rigward il-Bajja tax-Xlendi fosthom sabiex ikun hemm aktar xogħol ta' tindif u qtugħ ta' ħaxix ħażin fit-toroq u l-isqaqien, aktar infurzar fuq rimi ta' skart illegali u għas-sigurta' tar-residenti, kif ukoll sejħa għal aktar voluntiera biex jinfetaħ it-Torri tax-Xlendi.

## 1.6 Tmiem il-laqgħa.

1.6.1 Is-Sindku irringrazzja lil dawk preżenti tal-attendenza tagħhom għal din l-aħħar laqgħa annwali tal-lokalita' għal din il-leġislatura.
Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |